# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Ottubru 2021**

**Talba Nru: 133/2018 JG**
**Numru fuq il-lista: 1**

**Elmo Insurance Limited (C3500) f'isimha stess u bħala surrogata bil-polza u bil-liġi fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Neil Borg u l-istess Neil Borg**

**Vs**

**George Cutajar (ID 0252174(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-9 ta' April 2018[1], permezz ta' liema s-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-konvenut jħallas l-ammont ta' tmien mija, tlieta u tmenin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu tal-Ewro (€883.92) rappreżentanti danni sofferti bħala riżultat ta' inċident kif aħjar

[1] A fol 1 *et seq.*

deskritti fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' ittri uffiċjali, ta' dawn il-proċeduri u l-imgħaxijiet[2];

Ra r-risposta tal-konvenut[3] permezz ta' liema huwa laqá għat-Talba billi eċċepixxa li l-azzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt u li huwa ma kienx qiegħed isuq il-vettura in kwistjoni;

Ra x-xhieda ta' George Stagno Navarra, bħala rappreżentant tas-soċjetá attriċi, flimkien mad-dokumenti ppreżentati minnu[4];

Ra x-xhieda ta' Neil Borg[5];

Ra x-xhieda ta' PS 639, Jean-Mar Mangion li essenzjalment ikkonferma ir-rapport relattiv[6];

Ra l-korrezzjoni mitluba fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2019 fejn intalab korrezzjoni fis-sens li n-numru ta' reġistrazzjoni tal-van għandu jkun DVD-435 u mhux CAM402. Dan it-Tribunal kif preċedentement presedut kien laqá t-talba[7].

Ra x-xhieda tal-konvenut George Cutajar[8];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[9];

---

[2] A fol 1 *et seq.*
[3] A fol 7 tal-proċess
[4] Xhieda seħħet fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2018.
[5] *Ibid* nru 4.
[6] Xhieda mogħtija fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2018.
[7] Verbal jinsab a fol 50 tal-proċess.
[8] Dan seħħ fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2019
[9] A fol 71.

Ra dak verbalizzat fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021, fejn wara diversi differimenti sabiex il-konvenut iġib il-provi tiegħu, huwa m'għamel xejn u għalhekk il-provi tiegħu ġew dikjarati bħala magħluqa;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif jirriżulta mill-*iter* hawn fuq indikat, jemerġi ċar li għalkemm l-konvenut kien inizjalment ipparteċipa b'mod formali f'dawn il-proċeduri, wara li kienu ngħalqu l-provi tas-soċjetá attriċi, u wara diversi differimenti sabiex huwa jġib forma ta' prova, l-istess konvenut baqa' passiv. Tassew, minn mindu din il-kawża ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut, il-konvenut (inkluż l-avukati difensuri tiegħu) lanqas irreġistra dehra unika. Għal dan it-Tribunal huwa bil-wisq ovvju li l-konvenut abdika mir-responsabbilitá tiegħu u ma baqax isewgi dawn il-proċeduri. Dan il-fatt ma jista qatt ikun t'għajnuna għalieħ. Wara kollox, eċċezzjoni, bħal talba, tibqa mera allegazzjoni fin-nuqqas tal-prova.

Illi reġistrat dan kollu, u wara li dan it-Tribunal għarbel sew kemm ix-xhieda prodotta u d-dokumentazzjoni kollha, iqis lit-Talba għandha hija mistħoqqa u għalhekk għandha tiġi milqugħa.

Illi jrid jingħad ukoll lill-konvenut naqas milli jagħmel kontro-eżami wieħed tax-xhieda kollha prodotta mis-soċjetá attriċi. Huwa prinċipju stabbilit fis-sistema ġuridika nostrana li għal dak li jikkonċerna n-nuqqas ta' utilizzar tal-kontro eżami, xhieda mogħtija in eżami li ma tiġix sottoposta għal xi forma ta' skrutinju

tiġi qisha ġiet aċċettata bhala veritiera[10]. Dan it-tagħlim jinsab rifless ukoll f'diversi sentenzi tal-Qrati u tribunali nostrana[11]. Naturalment peró dan qiegħed jingħad fid-dawl ukoll tal-inattivitá fil-kumpless ġenerali tal-konvenut, kif indikat hawn fuq f'dawn il-proċeduri[12]. Għal dan it-Tribunal, dan kien fattur ieħor importanti.

Illi x-xhieda tax-xufier Neil Borg, kienet ċara, linjari, inekwivoka u wasslet lil dan it-Tribunal għaċ-ċertezza morali rikjesta.

Illi finalment irid jintqal li l-konvenut ma kienx affidabbli, anzi, fix-xhieda tiegħu stess waqqa' b'mod totali l-eċċezzjonijiet tiegħu. Mingħajr dilungar żejjed, ma jista qatt jitwemmen konvenut li jgħid li ma kienx qiegħed isuq vettura (permezz t'eċċezzjoni) meta ma l-ewwel mistoqsija magħmula in subizzjoni, jgħid l-oppost[13]! Frankament, tali aġir huwa ċensurabbli. B'dan reġistrat, jingħad li dan

---

[10] L-Awturi Richard Glover u Peter Murphy, fl-opra tagħhom **Murphy on Evidence** jgħidu hekk: *Failure to Cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held techincally to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallened ebidence of a witness called by his oppononet, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine*" –XIII edizzjoni, a fol 632.

[11] *Vide inter alia,* is-sentenza fl-ismijiet **Michael Mangion et vs Il-Kontrollur tad-Dwana,** (Rik Nru: 1338/10 MCH), deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-18 ta' Lulju 2017. Wieħed huwa wkoll mistieden jara s-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut, fl-ismijiet **Emanuel Esposito vs Carmelo Mugliett**, (Talba Nru: 208/2017 KCX) deċiża fid-9 ta' Jannar 2019 (mhux appellata).

[12] Fis-sentenza fl-ismijiet **Knightsbridge Developments Limited (C-41829) vs Citadel Insurance plc,** (Rik Nru: 978/08 TA), deċiża fis-7 ta' Lulju 2017 (pendenti appel) ġiet ritenut hekk: *"Is-Socjeta` attrici tkompli targumenta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, li l-fatt wahdu li ma gewx kontro ezaminati x-xhieda taghha, li dak li qalu dawn ix-xhieda ghandu jittiehed bhala vangelu. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma din il-posizzjoni. Li kieku s-Socjeta` konvenuta baqghet inattiva ghal kollox waqt il-kawza, kienet tkun storja ohra mil-lat ta' evalwazzjoni probatorja. Izda xhud mhux kontro-ezaminat, ix-xhieda tieghu xorta tista' tigi kkonfutata bi provi ohrajn li jitressqu waqt il-kawza. Il-provi li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tilhaq dak il-konvinciment necessarju fuq bilanc ta' probabbilitajiet huma varji. Xhieda mhux kontestata ghax ma sarx kontra ezami tax-xhud, ma jfissirx li din tibqa' wieqfa fuq saqajha, jekk jigu prodotti provi ohrajn li jinnewtralizzaw l-effikacja taghha, ghas-semplici raguni li ma jkunx sar il-kontro ezami tax-xhieda jew xhud."*

[13] Fix-xhieda tiegħu mogħtija fl-10 ta' Diċembru 2019 il-konvenut stqarr hekk: *"Dr. David Harding: Inti Sur Cutajar, inti kont qed issuq il-vann hux hekk? DBD-435 fil-mument ta' l-*

it-Tribunal m'huwiex iqis il-verżjoni tal-konvenut bħala verosimili. Effetivament, il-konvenut kien t'għajnuna biss sabiex titqies aktar kredibbli l-verżjoni attriċi.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna l-konvenut iħallas l-ammont ta' tmien mija, tlieta u tmenin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu tal-Ewro (€883.92) bl-imgħax legali mid-9 ta' April 2018[14] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, iżda mhux dawk tal-ittri uffiċjali imsemmija fl-Avviż tat-Talba[15], jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

*inċident. Ix-xhud: Iva Iva. Dr. David Harding: U l-incident sehh fil-25 ta' Diċembru 2016, naqblu? Ix-Xhud: Iva."*

[14] Data tal-preżentata tal-Avviż odjern. L-Ittri uffiċjali ma ġewx eżebiti u lanqas il-prova tan-notifika tagħhom.

[15] Dawn qatt ma ġew ippreżentati formalment. Jingħad lid-dokument eżebit a fol 37 tal-proċess, Dok GSN5, hija sempliċi *draft* ta' ittra, u ċertament ma hiex kopja legali.